MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 754/2004

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC, kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Victor Pulis u l-istess Victor Pulis f'ismu proprju u b'nota tal-11 ta' Mejju, 2004 is-socjeta` Atlas Insurance Limited assumiet l-atti flok is-socjeta` Atlas Insurance Agency Limited.**

**vs**

**Ernest Briffa**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' April, 2004 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u disa' liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm309.23), jew somma ohra verjuri, danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura LCG-513, assikurata comprehensive hlief**

**ghall-hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) excess u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogata fid-drittijiet ta' Victor Pulis u dan billi fil-25 ta' Gunju, 2003, gol-Isla waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura GAJ-964 habat mal-vettura LCG-513 propjeta` ta' Victor Pulis u misjuqa minnu, u ghal liema incident kien unikament responsabbli l-konvenut.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tas-26 ta' Novembru, 2003, u tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Frar, 2004, u bl-imghax tat-8% fuq tlett mija u disa' liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm309.23) mis-26 ta' Novembru, 2003, sal-hlas effettiv u tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz rikjesta mill-ligi kontra Rausi Insurance Agency Ltd., assiguraturi tal-konvenut u nkluzi hmistax-il lira (Lm15.00) konsult, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat fl-4 ta' Mejju, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra illi l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal fil-kontumacja tal-konvenut, u peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u disa' liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm309.23) bl-imghaxijiet legali mid-9 ta' Frar, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra legali tas-26 ta' Novembru, 2003, u tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Frar, 2004, u tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz rikjesta mill-ligi kontra Rausi Insurance Agency Ltd., assiguraturi tal-konvenut, u nkluzi hmistax-il lira (Lm15.00) konsult, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------